ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

StudentBounty.com

Rotta

| **IR-RABA' SENA** | **L-ISTORJA (ĠENERALI)** | **IL-ĦIN: Siegħa u nofs** |
|---|---|---|

**L-Isem:** ____________________________ **Il-Klassi:** ______________

**1. Ifli s-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet.**

" Irrid nipprotesta bil-qawwa kontra din it-tip ta' emigrazzjoni li qiegħda tgħin biss lill-Awstralja waqt li qiegħda tfaqqar lil pajjiżna. Dan huwa preċedent gravi għaliex it-tfal huma s-sinsla tal-pajjiż."

(**Sors A:** Dr Nerik Mizzi, diskors fit-22 ta' Frar 1950)



**Sors B:** ritratt ta' emigranti tfal.

1.1 Għaliex Dr Nerik Mizzi ma kienx jaqbel mal-mod ta' kif kienet qiegħda ssir l-emigrazzjoni f'dawk is-snin?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (1)

1.2 Semmi żewġ pajjiżi oħra fejn il-Maltin kienu qegħdin jemigraw wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

______________________ ______________________ (2)

1.3 Ikteb raġuni għala l-Maltin kellhom jemigraw wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

______________________________ (1)

1.4 Ikteb żewġ affarijiet li bihom il-gvern kien jgħin lill-Maltin biex jemigraw.

______________________________

______________________________ (2)

1.5 Għaliex taħseb li l-Gvern Ingliż kien iħeġġeġ lill-Maltin biex jemigraw?

______________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

1.6 Kieku kont wieħed/waħda minn dawk it-tfal li kellhom jemigraw, ikteb żewġ p… sfidi li seta' jkollok f'art barranija.

______________________________

**(Total: 10 marki)**

**2. Ħares lejn is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet fuqu.**



**Sors C**

2.1 X'għandu speċjali dan il-kanun minn kanuni oħra li saru qablu?

______________________________(1)

2.2 F'liema żewġ fortizzi f'Malta kien hemm kanuni bħal dak li qiegħed tara fl-istampa?

______________________________ (2)

2.3 Liema parti tal-gżejjer Maltin kienet qiegħda tiġi mħarsa minn dawk iż-żewġ kanuni?

______________________________(1)

2.4 Għaliex taħseb li l-kanun li jidher f'Sors C jinsab f'kundizzjoni tajba?

______________________________(1)

2.5.1 Barra minn kanuni u batteriji, l-Ingliżi bnew linja ta' difiża fit-Tramuntana ta' Malta. Kif kienet magħrufa din id-difiża?

______________________________ (1)

2.5.2 Semmi żewġ fortizzi marbuta ma' din il-linja difensiva.

______________________________ ______________________________ (2)

2.5.3 Liema makkinarju tal-gwerra ġab fix-xejn din is-sistema difensiva?

______________________________ (1)

2.6 Barra mill-bini militari semmi post wieħed mibni fi żmien l-Ingliżi b'funzjoni ċivili (m'għandux x'jaqsam mal-militar).

______________________________ (1)

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**3. Ħares lejn dawn is-sorsi u wieġeb.**



**Sors D:** Razzett Malti



**Sors E:** Qasam tad-Djar

3.1 Fejn kont tista' ssib bini tat-tip li jidher f'sors D?

____________________________________________ (1)

3.2 Semmi żewġ kuntrasti bejn il-bini li jidher f'sors D u d-djar ta' sors E.

____________________________________________

____________________________________________ (2)

3.3 Għaliex inħasset il-ħtieġa li jibdew jinbnew l-oqsma tad-djar fil-gżejjer Maltin? Agħti żewġ raġunijiet.

____________________________________________

____________________________________________ (2)

3.4 Ikteb paragrafu fuq l-effett tat-Tieni Gwerra Dinjija fuq il-popolazzjoni tat-Tlett Ibliet u r-rikostruzzjoni li seħħet fis-snin ta' wara l-gwerra.

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________ (5)

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**4. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.**



**Sors F**

4.1 Fl-istampa hemm magna kbira li ġiet ivvintata matul ir-Rivoluzzjoni Industrijali.
B'liema qawwa kienet tiġi mħaddma din il-magna?

____________________________________(1)

4.2 Agħti żewġ raġunijiet għala r-Rivoluzzjoni Industrijali bdiet fl-Ingilterra.

____________________________________

____________________________________

____________________________________

____________________________________

____________________________________ (2)

4.3 Semmi żewġ vantaġġi li kisbet l-Ingilterra fuq il-pajjiżi l-oħra tad-dinja minħabba r-Rivoluzzjoni Industrijali.

____________________________________________________________

____________________________________________________________(2)

4.4 Barra mill-ġid, ir-Rivoluzzjoni Industrijali ġabet ukoll magħha ħafna deni. Ikteb paragrafu li fih issemmi xi ftit mill-aspetti negattivi ta' din ir-rivoluzzjoni.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (5)

**(Total: 10 marki)**

**5. Aqra sewwa dan is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**

Gerit: Jiena naħseb li ż-żgħażagħ tal-lum ma jibżgħu minn xejn u ma jirrispettaw lil ħadd. Meta konna tfal aħna, xħin naraw qassis konna mmorru niġru nbusulu idu u nitolbuh iberikna. 'Benedizzjoni Dun' konna ngħidulu... Illum xejn mhu xejn.

Tonin: Veru imma ż-żgħażagħ tal-lum makakki iżjed. Jaraw it-televixin, u għandhom il-kompjuter... Jistgħu jitgħallmu l-iskola u jiftħu moħħhom. Aħna ma kellna xejn minn dan. Kellna xorti noħorġu mir-raħal u nitilgħu sal-Belt. Illum isiefru waħidhom. Ma jaqtgħu qalbhom minn xejn...

(**Sors G:** Intervista simulata ma' żewġt ixjuħ li għandhom 'l fuq minn 80 sena)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5.1 Semmi żewġ mezzi ta' divertiment li kienu jeżistu f'Malta fi żmien Gerit u [illegible] għadhom jeżistu sal-lum.

________________________________________

________________________________________ (2)

5.2 Semmi ħaġa li, skont Gerit, ma togħġobha xejn fiż-żgħażagħ.

________________________________________ (1)

5.3 Semmi żewġ affarijiet li, skont Tonin, taw vantaġġ liż-żgħażagħ tal-lum fuq il-ġenerazzjonijiet l-imgħoddija.

________________________________________

________________________________________(2)

5.4 Semmi żewġ mezzi ta' trasport li kienu jeżistu qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija f'Malta u li m'għadekx tarahom f'Malta tal-lum.

________________________ ________________________ (2)

5.5 Fis-sors Tonin isemmi li ż-żgħażagħ isiefru anki waħidhom. X'effetti taħseb li dan jista' jkollu fuq il-mentalita` taż-żgħażagħ tal-lum?

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (2)

5.6 Tonin kien jaħdem fir-Royal Navy. Għid kif l-għoti tal-Indipendenza fl-1964 seta' jitfa' x-xogħol tiegħu fil-periklu.

________________________________________ (1)

**(Total: 10 marki)**

**6. Ħares lejn is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet.**

6.1 L-Akwadott li jidher f'sors H jinsab bejn Ħ'Attard u Santa Venera. Fejn jinsab akwadott ieħor li nbena fi żmien l-Ingliżi?

________________________(1)

6.2 Għaliex kien jintuża akwadott?

________________________

________________________

________________________ (2)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

6.3 Xi ssuġġerixxa l-Inġinier Chadwick fir-rapport tiegħu?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

6.4 X'għandna f'Malta llum li jfakkarna f'dan l-inġinier?

______________________________________________________________________ (1)

6.5 Matul is-sekli 19 u 20 Malta nħakmet minn diversi epidemiji. Semmi tliet mardiet koroh li affettwaw lin-nies li kienu jgħixu fil-gżejjer matul il-perjodu tal-ħakma Ingliża.

______________________ ______________________ ______________________(3)

6.6 Xi skoperta fil-qasam tal-mediċina għamel Sir Temi Zammit fil-bidu tas-seklu 20?

______________________________________________________________________ (1)

**(Total: 10 marki)**

**7. Ħares lejn l-istampi u wieġeb il-mistoqsijiet.**



**Sors I**



**Sors J**

7.1 Spjega għaliex dawn is-sorsi ta' hawn fuq huma meqjusa bħala primarji.

______________________________________________________________________ (1)

7.2 Sors I u Sors J juru żewġ żviluppi importanti fil-mixja kostituzzjonali ta' Malta.
Identifika x'qiegħed iseħħ fihom.

Sors I ______________________________________________________________

Sors J ______________________________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

7.3 F'dawn is-sorsi jidhru żewġ Prim Ministri Maltin. Min huma?

Sors I ______________________________

Sors J ______________________________

7.4 X'kariga ġie mogħti Sir Anthony Mamo bħala konsegwenza tal-ġrajja marbuta ma' Sors J?

______________________________ (1)

7.5 Min kien il-kap tal-istat Malti qabel dawn il-ġrajjiet li jidhru fis-sorsi?

______________________________ (1)

7.6 Liema ritratt hu l-aktar antik?

______________________________ (1)

**(Total: 8 marki)**

**8. Ħares lejn dan is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet.**



**Sors K:** Il-kamra tal-Arazzi, fil-Palazz tal-President, il-Belt

8.1 F'din il-kamra kien jiltaqa' l-Kunsill tal-Gvern meta Malta ngħatat is-*Self Government* fl-1921. X'tifhem bil-frażi *self government*?

______________________________

______________________________ (2)

8.2 Il-patrijott ewlieni Malti li stinka biex Malta tingħata din il-kostituzzjoni kien:

( Nerik Mizzi - Filippo Sciberras - Herbert Ganado - Ignazio Panzavecchia) (1)

8.3 X'kariga kien jokkupa Lord Plumer fiż-żmien qabel l-għoti ta' din il-kostituzzjoni?

______________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

8.4 Bil-kostituzzjoni tas-*self government* kien hemm xi affarijiet imsejħa *reserved* X'tifhem b'dik il-frażi?

______________________________________________

8.5 Semmi żewġ affarijiet li kienu kkunsidrati bħala *reserved matters.*

______________________________________________ (2)

8.6 Barra mill-Kamra tar-Rappreżentanti, x'kamra oħra kienet twaqqfet bil-kostituzzjoni tal-1921?

______________________________________________ (1)

8.7 Skont il-Kostituzzjoni tal-1921 it-Taljan kien rikonoxxut bħala l-(*lingwa tal-Qrati, lingwa uffiċjali, lingwa nazzjonali*) u l-Ingliż kien rikonoxxut bħala l-(*lingwa tal-Qrati, lingwa uffiċjali, lingwa nazzjonali*). (2)

8.8 Semmi moviment li beda f'dawn iż-żminijiet.

______________________________________________ (1)

**(Total: 12-il marka)**

**9. Ikteb fit-tul fuq WAĦDA minn dawn it-temi.**

9.1 Ikteb dwar il-kawżi prinċipali li wasslu għall-irvellijiet tas-7 u t-8 ta' Ġunju 1919. Iddeskrivi wkoll il-ġrajjiet ewlenin li seħħu f'dawk il-jumejn.

9.2 Ikteb dwar il-qagħda tal-Maltin matul it-Tieni Gwerra Dinjija b'mod partikolari dwar il-ħajja ta' kuljum bil-problemi li ġabet magħhom il-gwerra.

9.3 Iddeskrivi l-iżvilupp fl-edukazzjoni fil-gżejjer Maltin fi żmien l-Ingliżi mill-bidu tas-seklu 19 sal-liġi dwar l-iskola sekondarja obbligatorja.

**(Total: 20 marka)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers